2026/1912

4.8.2026

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1912

## tat-30 ta' Lulju 2026

## li testendi l-protezzjoni temporanja introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(2) u 5(3), il-punt (a), tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 [2] li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/55/KE, il-protezzjoni temporanja l-ewwel applikat għal perjodu inizjali ta' sena, sal-4 ta' Marzu 2023, u mbagħad ġiet estiża awtomatikament għal sena addizzjonali sal-4 ta' Marzu 2024.

(3) Fid-19 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409 [3] li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 sal-4 ta' Marzu 2025. Fil-25 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1836 [4] li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, u estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409, sal-4 ta' Marzu 2026. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1460 [5], li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, u estiża bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409 u (UE) 2024/1836, sal-4 ta' Marzu 2027.

(4) Fil-kuntest tal-attivazzjoni tal-protezzjoni temporanja skont id-Direttiva 2001/55/KE, l-Istati Membri qablu b'mod unanimu, f'dikjarazzjoni magħmula fl-4 ta' Marzu 2022, li ma japplikawx l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, u li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, għajr jekk l-Istati Membri jaqblu mod ieħor fuq bażi bilaterali.

[1] ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/382/oj).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2409 tad-19 ta' Ottubru 2023 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2023/2409, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2409/oj).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2024/1836, 3.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1836/oj).

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1460 tal-15 ta' Lulju 2025 li testendi l-protezzjoni temporanja introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2025/1460, 24.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1460/oj).

(5) Minħabba li persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet marbuta mal-protezzjoni temporanja fi Stat Membru wieħed biss fl-istess ħin, biex jiġi żgurat li dan il-prinċipju jiġi rispettat u biex jiġu evitati reġistrazzjonijiet multipli għal protezzjoni temporanja, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrifjutaw talbiet għal permess ta' residenza magħmula abbażi tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2001/55/KE meta jkun jidher li l-persuna kkonċernata tkun diġà kisbet permess ta' residenza fuq dik il-bażi fi Stat Membru ieħor. Dan ikun koerenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-753/23 ([6]) u b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha.

(6) F'dak il-kuntest ġenerali, jenħtieġ li xejn ma jiġi interpretat bħala li jimplika obbligu għal Stat Membru li joħroġ permess ta' residenza għal protezzjoni temporanja lil persuna li tkun irċeviet permess ta' residenza għal protezzjoni temporanja fi Stat Membru ieħor.

(7) Biex jiżguraw stampa tas-sitwazzjoni aġġornata għal finijiet operazzjonali, l-amministrazzjoni koerenti u s-sorveljanza tal-ħruġ tal-permessi ta' residenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jtellgħu regolarment data preċiża b'mod f'waqtu fil-Pjattaforma ta' Reġistrazzjoni tal-Protezzjoni Temporanja, inkluż data dwar ir-reġistrazzjonijiet inattivi.

(8) Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-protezzjoni temporanja ma tippreġudikax l-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni internazzjonali u r-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva 2001/55/KE, huwa mfakkar li, f'konformità mal-istandards internazzjonali, id-diżerzjoni u l-evażjoni tal-lieva mhumiex meqjusa, waħedhom, bħala raġunijiet għal protezzjoni internazzjonali.

(9) Bħalissa, hemm kważi 4,4 miljun persuna spostata mill-Ukrajna li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni. L-għadd kumplessiv ta' reġistrazzjonijiet ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja baqa' relattivament stabbli għal madwar 4,3 miljun, b'xejra ġenerali kemxejn 'il fuq u bi ftit persuni li jirrapportaw li jmorru lura lejn l-Ukrajna fuq bażi permanenti. Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ma tippermettix ir-ritorn tal-maġġoranza tal-persuni spostati lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni tat stima li, minn Diċembru 2025, 3 712 000 persuna huma spostati internament fl-Ukrajna, li minnhom 71 % ilhom spostati aktar minn sentejn u 82 % ilhom spostati aktar minn sena. Is-sehem ta' persuni spostati internament li ilhom spostati għal aktar minn sentejn kien l-ogħla fost il-persuni spostati internament li kienu residenti fil-Punent tal-pajjiż. L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji jagħti stima li madwar 10,8 miljun persuna fl-Ukrajna jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti matul l-2026.

(10) Barra minn hekk, ma jistgħux jiġu esklużi aktar wasliet fuq skala kbira, minħabba l-kundizzjonijiet umanitarji diffiċili, volatilità usa' u l-inċertezza tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja, inkluż attakki ripetuti intensifikati mill-ajru mal-pajjiż kontra ċ-ċivili. Ir-riskju ta' eskalazzjoni għadu hemm. Fl-istess ħin, ir-riskju għall-operat effiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-asil jibqa' jekk il-protezzjoni temporanja tieqaf dalwaqt mal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-istess ħin.

(11) Peress li l-għadd kbir ta' persuni spostati fl-Unjoni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja x'aktarx li ma jonqosx sakemm tkompli l-gwerra kontra l-Ukrajna, l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja hija meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-persuni li bħalissa qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni jew li ser jeħtieġu tali protezzjoni mill-5 ta' Marzu 2027, peress li tipprevedi protezzjoni immedjata u aċċess għal sett armonizzat ta' drittijiet filwaqt li tnaqqas il-formalitajiet għall-minimu f'sitwazzjoni ta' influss bil-massa lejn l-Unjoni. Jenħtieġ li l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja tgħin ukoll biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-asil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija b'żieda sinifikanti fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jistgħu jiġu ppreżentati minn persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja sal-4 ta' Marzu 2027, li kieku l-protezzjoni temporanja kellha tieqaf sa dak iż-żmien, jew minn persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u li jaslu fl-Unjoni wara dik id-data u qabel l-4 ta' Marzu 2028.

([6]) Is-Sentenza tal-Qorti ta' Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2025, *A. N.* v *Ministerstvo vnitra*, C-753/23, ECLI:EU:C:2025:133.

(12) Għalhekk, meta jitqies li jippersistu r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja, jenħtieġ li l-protezzjoni temporanja għall-kategoriji ta' persuni spostati msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tiġi estiża sal-4 ta' Marzu 2028.

(13) Minkejja l-ħtieġa li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża għal perjodu temporanju ulterjuri ta' sena, huwa importanti li approċċ komuni tal-Unjoni jqis il-ħtiġijiet tad-difiża li qed jevolvu tal-Ukrajna.

(14) Fil-konklużjonijiet reċenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew tenna mill-ġdid l-appoġġ sod u konsistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, kif ukoll l-impenn tal-Unjoni li tkompli tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u l-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew appoġġa paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali u mirfuda minn garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna. Huwa kritiku li jiġi żgurat li l-Ukrajna jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled u tiskoraġġixxi l-aggressjoni tar-Russja.

(15) Skont id-Direttiva 2001/55/KE, protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati hija proċedura ta' natura eċċezzjonali, li tapplika għall-kategoriji speċifiċi ta' persuni li l-Kunsill irrefera għalihom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva. Il-kategoriji speċifiċi ta' persuni huma determinati abbażi ta' kriterji oġġettivi, b'rispett sħiħ tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, mid-dritt tal-Unjoni u mid-drittijiet fundamentali. Il-kriterji huma applikati f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva, meta applikabbli. Meta jiddetermina l-kategoriji speċifiċi ta' persuni li għalihom tapplika protezzjoni temporanja, il-Kunsill iqis, *inter alia*, is-sitwazzjoni relatata mal-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, inkluż is-sitwazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' dawk il-persuni.

(16) Il-ħtiġijiet militari li qed jevolvu tal-Ukrajna fid-difiża tagħha stess kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa u b'mod partikolari l-obbligi ta' lieva kif definiti b'mod leġittimu mill-Ukrajna fl-ordni legali tagħha jeħtieġu l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni. Għalhekk , jenħtieġ li dawk il-ħtiġijiet jitqiesu bis-sħiħ mill-Unjoni u l-Istati Membri filwaqt li jipprovdu, appoġġ sħiħ lill-persuni spostati mill-Ukrajna permezz ta' protezzjoni temporanja. Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni tkompli tapplika protezzjoni temporanja b'mod li, filwaqt li tkun ta' benefiċċju għall-persuni spostati, ma tħallix impatt negattiv fuq il-kapaċità ġenerali tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha bl-aħjar mod kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa u li tiddeċiedi liberament dwar l-organizzazzjoni tal-forzi tad-difiża tagħha.

(17) Għal dan l-għan, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għad-drittijiet fundamentali, jenħtieġ li l-protezzjoni temporanja tingħata biss lil individwi li jkunu jistgħu jipprovdu prova lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma, meta applikabbli, f'konformità mal-obbligi militari tagħhom. Meta titqies il-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali tad-difiża kif determinati mill-Ukrajna, u mingħajr ma tiġi affettwata s-sitwazzjoni ta' persuni li diġà jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari qabel jew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u li jżommu tali status f'dak l-Istat Membru kontinwament wara dik id-data, ir-rekwiżit li l-individwi jipprovdu prova li huma konformi mal-obbligi militari tagħhom jenħtieġ li japplika mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, li jenħtieġ li jkun il-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(18) Id-dritt ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja huwa immedjat ladarba l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati tkun ġiet stabbilita mill-Kunsill. Filwaqt li, għall-finijiet ta' amministrazzjoni xierqa u r-reġistrazzjoni tal-individwu kkonċernat, l-Istat Membru jista' jirrikjedi li jiġu ssodisfati ċerti formalitajiet, bħall-ikkompletar ta' formola ta' reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' evidenza, kif previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382, wieħed mill-objettivi tal-protezzjoni temporanja huwa li jiġi żgurat proċess rapidu u faċli biex jiġi applikat billi jitnaqqsu kemm jista' jkun il-formalitajiet. Għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw malajr li l-individwi kienu awtorizzati li jitilqu mit-territorju tal-Ukrajna legalment, u b'mod partikolari, li huma f'konformità mal-obbligi militari tagħhom. F'dak il-kuntest, jew il-qsim legali tal-fruntiera meta jitilqu mit-territorju tal-Ukrajna jew timbru tal-ħruġ fil-passaport jikkostitwixxi evidenza ta' tali awtorizzazzjoni. F'każijiet fejn tali tluq legali ma jkunx jista' jiġi kkonfermat, sabiex jibbenefika minn protezzjoni temporanja, jenħtieġ li l-individwukkonċernat ikun meħtieġ jippreżenta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dokument uffiċjali faċilment verifikabbli, fuq karta jew f'forma elettronika, bħal fl-applikazzjoni Reserv+, li jikkonferma l-eżenzjoni ta' dak l-individwu mill-obbligi militari jew il-konformità magħhom., Il-persuna li titlob protezzjoni temporanja jenħtieġ li ġġorr l-oneru tal-prova.

(19) Fl-interess ta' approċċ ikkoordinat, il-Kummissjoni ser taġġorna l-Linji Gwida Operazzjonali stabbiliti fil-komunikazzjoni tagħha tal-21 ta' Marzu 2021 intitolata "Linji gwida operazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja"dwar l-aspetti differenti relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(20) Huwa possibbli li ċ-ċittadini Ukreni li mhumiex soġġetti għal lieva jkollhom obbligi militari, irrispettivament mill-età jew il-ġeneru tagħhom, minħabba li jkunu rreġistraw ruħhom jew inkella minħabba responsabbiltajiet relatati ma' attivitajiet militari.

(21) Fis-16 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni ([7]) tiegħu dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna. Din l-estensjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'dik ir-Rakkomandazzjoni, li tibqa' prijorità. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jaċċelleraw, b'mod koordinat, it-tranżizzjoni ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja għal status legali ieħor, kif ukoll ritorni volontarji u riintegrazzjoni meta s-sitwazzjoni tippermetti dan.

(22) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(23) Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u jtenni l-appoġġ tiegħu għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali u fil-każ ta' waqfien mill-ġlied sostenibbli, il-Kunsill jinsab lest li jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 6(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2001/55/KE.

(24) L-Irlanda hija marbuta bid-Direttiva 2001/55/KE u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(25) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-protezzjoni temporanja mogħtija lill-persuni spostati mill-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 u estiża bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409, (UE) 2024/1836 u (UE) 2025/1460 hija estiża għal perjodu ulterjuri ta' sena, sal-4 ta' Marzu 2028.

*Artikolu 2*

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni temporanja msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 u kif estiża, meta applikabbli, bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1460 jew bl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, għandha tingħata biss lil dawk li jissodisfaw l-obbligi militari tagħhom fl-Ukrajna, malli jippreżentaw, fejn applikabbli, prova tagħha.

Dan l-Artikolu ma japplikax għal persuni li diġà jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari qabel jew fit-30 ta' Lulju 2026 u li jżommu kontinwament tali status fi Stat Membru partikolari wara din id-data.

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2025 dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna (ĠU C, C/2025/5129, 23.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5129/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-5 ta' Marzu 2027, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2 li għandu japplika mill-31 ta' Lulju 2026.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. BYRNE